MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 35/2007

**Fogg Insurances Agencies Limited**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera**
**Norwich Union International Limited**
**u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha**
**Christopher Spiteri**
**u l-istess Christopher Spiteri**

**vs**

**Stephen Formosa**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Ottubru, 2007, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

**"Kaz**

Dana il-kaz sehh fil-15 ta' Jannar 2005 gewwa Triq Aldo Moro, il-Marsa, ftit il' hinn mir-roundabout maghrufa wkoll bhala Marsa Cross Roads, bejn il-vettura Honda Civic LTD 666 propjeta ta' Christopher Spiteri u l-vettura Fiat Uno JAS 316 misjuqa minn Stephen Formosa.

Il-vetturi kienu lkoll sejrin fl-istess direzjonijiet, jigifieri lejn il-Belt. Il-vettura JAS 316 kienet quddiem filwaqt illi l-vettura LTD 666 kienet aktar lura, meta, f' hin minnhom, il-vettura JAS 316 biddlet il-karreggjata u dahlet fil-karreggjata ta' LTD 666 u filwaqt illi dana ta' l-ahharipprova jevita l-vettura JAS 316, huwa ma setax jevita l-impatt, bil-konsegwenzi taghha.

**Provi**

Christopher Spiteri, sewwieq tal-vettura Honda Civic LTD 666, stqarr illi dakinhar, huwa kien gej minn Rahal Gdid sejjer lejn il-Belt. Huwa kien fuq it-tielet lane tat-triq, ossija dik li hemm mac-centre strip. Quddiemu kien hemm il-vettura JAS 316, li kienet aktar 'il quddiem minnu, fl-istess karreggjata.

Hekk kif qabzu ir-roundabout tal-Marsa, il-vettura JAS 316 bdiet tiskidja u daret. Spiteri pprova jiskapula l-vettura ta' Formosa billi mar fil-lane tan-nofs, izda l-vettura tieghu bdiet tiskiddja wkoll u l-impatt xorta sehh. Il-vettura tieghu baqghet imbaghad timxi sa gewwa l-bus lane.

Bhala rizultat ta' l-incident, il-hsarat tal-vettura ta' Spiteri kienu fuq il-mudguard ta' quddiem u ta' wara tan-naha tax-xufier kif ukoll postijiet vicin tal-istess.

Spiteri jiftakar illi ftit wara l-incident, gew fuq il-post tas-Civil Protection Unit u tefghu xi trab ma' l-art, bejn wiehed u iehor, fejn skiddjaw il-vetturi.

Stephen Formosa, sewwieq tal-vettura Fiat Uno JAS 316, stqarr illi kien gej mill-Birgu sejjer fid-direzzjoni tal-Belt. Huwa kien qieghed isuq fil-lane ta' barra, u ma kienx sejjer jghaggel. Di fatti, jghid illi huwa cert minnu ghax, ftit qabel, hares lejn l-ispeedo sabiex jivverifika u, zied jghid illi kien ghaddejn ir-raba' gear, jigifieri bit-top gear. Hekk kif ghadda r-roundabout maghrufa bhala tas-sulfarini, hass il-vettura tieghu tiskiddja u, hekk kif gie fid-dritt, il-vettura tieghu baqghet iddur u daret 'anti clockwise'. Eventwalment, wara li l-vettura baqghet titkaxkar ghal tul ta' madwar karozza, il-karozza waqfet filwaqt illi ma habtet ma' hadd. Il-vettura, izda, spiccat thares fid-direzzjoni fejn kien gie, jigifieri daret 180 degrees.

Ftit secondi wara illi l-vettura tieghu waqfet, huwa lemah vettura LTD 666 gejja ghal fuqu u laqtitu quddiem. Bid-daqqa il-vettura LTD 666 spiccat sejra lejn il-bankina.

Formosa stqarr illi ma jafx jekk kienx hemm xi haga fit-triq jew le, izda jiftakar illi ftit wara gew tal-Fire Brigade u tefghu xi materjal fit-triq.

Formosa stqarr ukoll illi meta waqqfet il-vettura, kienet parti fuq il-lane li kien fiha, u parti fil-lane ta' hdejha b'mod illi kien qed jostakola zewg lanes.

Qal ukoll illi ntlaqat darbtejn minn Spiteri ... darba frontalment u, ftit wara, laterlament, meta l-vettura daru lkoll.

**Xhieda ohra**

Apparti x-xhieda taz-zewg sewwieqa, kien hemm ukoll ix-xhieda tal-warden Eric Sciberras illi pprezenta r-rapport tieghu bid-danni kif hemm deskritti.

It-triq kienet deskritta bhala niexfa u ma kienx hemm xita dakinhar. Apparti minn hekk, il-warden

ma jiftakarx jara trab ma' l-art u ma nizzel xejn dwar dan lanqas. Dwar brake marks, il-warden, filwaqt illi jghid illi ma indikahomx, ma jeskludix illi seta' kien hemm, peress illi dina hija triq traffikuza u l-Puluzija kienu qed jghaggluhom biex icaqalqu l-vetturi.

**Konsiderazzjoniet legali**

Il-Qrati taghna rritenew li l-principju regolatur in materja ta' *skidding* ma jistax ikun hlief dan: "*li skid wahedha ma hijiex la prova ta' negligenza, u lanqas skriminanti - hemm bzonn li jigi indagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti (p.e. speed zejjed, applikazzjoni bruska tal-brakes, tyres bil-grooves mikulin, fatturi li jghinu l-iskidding, barra ohrajn). Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta` l-istess, nonostanti l-iskid, jekk ma tirrizultax, allura l-iskid hija 'a good defence' ghax tkun 'inevitable accident'."* (**Il-Pulizija vs Carmel Cachia**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 11 ta' Dicembru 1954, Vol. XXXVIII.iv.920; ara wkoll **Il-Pulizija vs Felice Mangion**, Appell Kriminali, 19 ta' Settembru 1949, Vol. XXXIII.iv.931); principju dan li baqa' jigi segwit, per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **ALM Enterprises Limited vs Prof. Roger Ellul Micallef et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Jannar 2000.

Difatti *skid* per se`, izolament, hija cirkostanza newtrali, li la hija difiza u anqas hija evidenza ta' negligenza. *Skid* tista' tigri nonostante li d-driver jiehu prekawzjoni; tista' tigri minhabba n-negligenza ta' utent iehor tat-triq, u tista' tigri minhabba negligenza konsistenti fin-nuqqas ta' prekawzjoni tad-driver li l-karrozza tieghu skiddjat.

Ghalhekk, hemm bzonn li, minbarra l-fatt semplici ta' l-i*skid,* ikun hemm prova ta' negligenza biex ikun hemm responsabbilta`.

Bingham, fit-test 'Motor Claims Cases', p. 122, ighid: *"A defence of skidding is sometimes raised in answer to a prima facie case of negligence but the modern tendency is to regard a skid as placing a heavy onus of proof on the defendant".*

Hu assodat fil-gurisprudenza taghna illi skid huwa fattur newtrali u la jfisser htija u lanqas in-nuqqas tieghu (ara kawza George Spiteri vs Paul Cassar et, deciza mill-Prim’ Awla fit-30 ta’ Gunju, 1993). Gie ritenut ukoll illi *"skid wehidha mhijiex la prova ta’ negligenza u lanqas diskriminanti. Trid issir indagini jekk kienx hemm negligenza anticedenti jew kon-komitanti. Jekk din tirrizulta, allura hemm responsabbilita` nonostante l-iskid, jekk le l-iskid ikun imputabbli ghal inevitable accident":* Pulizija vs Alfred Attard (Vol. XLVII.IV. 1195).

Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Kevin Caruana deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-3 ta' April, 2003 il-Qorti qalet "*ghaldaqstant biex tirnexxi d-difiza ta' skid, jehtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-iskid dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskidd saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu sewwieq prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta sewwieq jipprova mhux biss il-fatt ta' skid bhala tali imma jipprova wkoll li l-iskid saret bla ebda htija tieghu izda accidentalment b'mod li l-vettura bla htija tieghu u accidentalment saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabbilta` kriminali".*

Minkejja li l-kawzi fuq imsemmija titratta responsabbilta' kriminali, l-argumenti huma simili hafna ghal responsabbilita` civili. Fil-fatt f’ kawza deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru, 1992 fl-ismijiet Hugh P Zammit noe vs Hector Carter din il-Qorti qalet: *"huwa ben saput li skid tista' sservi ta' difiza jekk dina tkun subentaneja u mhux self inflicted, bhal per ezempju roqgha zejt f'nofs karreggjata fit-triq altrimenti nadifa, izda*

*f'cirkostanzi fejn dina tista' tkun probabbli tenut kont il-kondizzjoni tat-triq, allura ma tibqax aktar difiza legittima jekk ma jigix pruvat li s-sewwieq uza d-diligenza kollha biex jevita' l-iskid".*

Hekk ukoll fil-kawza "Galea Debono noe vs Abela", deciza fit-28 ta' April, 2003, intqal li l-kaz fortuwitu, il-forza maggura u l-istat ta' necessita` ma jehilsux mir-responsabilita` jekk ikunu precedenti minn htija ta' min ikkaguna d-danni.

Ghalhekk, jidher car illi l-iskuza ta' skid bhala difiza tista' tintuza a favur tad-difiza jekk ma jkunx hemm imputabbli lejh xi nuqqas iehor.

**Konsiderazzjonijiet fattwali**

Jidher illi z-zewg partijiet qed jaqblu illi ma' l-art kien hemm xi materjal, mhux maghruf u li l-eszstenza ma gietx ippruvata ghajr l-istatement taz-zewg sewwieqa, illi setghet ikkawzat l-iskid tal-vettura ta' Formosa, kif ukoll, possibbilment, il-vettura ta' Spiteri.

Issa, Formosa jistqarr illi huwa ma kienx mghaggel kif kien ghaddej, izda jikkonferma illi huwa kien fuq il-lane ta' barra, kien qed isuq fuq ir-raba' gear, jigifieri it-top gear tal-vettura tieghu, Fiat Uno, u, ftit qabel ma sehh l-incident, kien qieghed ihares lejn l-ispeedo.

Issa, s-sottoskritt ma jistax jifhem kif wiehed jista' jkollu kontroll shih tal-vettura kif ukoll proper look out tat-triq quddiemu meta jistqarr illi kien qed ihares lejn l-ispeedo, hekk kif kien qed jinnegozja l-liwja tar-roundabout illi hija daqsxejn iebsa u li l-istess liwja kien qieghed jghamilha bir-raba' gear fuq il-lane ta' barra.

Dana qieghed jinghad ghax ma hijiex daqstant kredibbli illi huwa kien ghaddej b' velocita`

daqstant imnaqqsa kif qieghed jipprova jindika huwa stess.

Minn naha l-ohra, Spiteri jghid illi, huwa kien qieghed isuq wara Formosa, bi speed ta' madwar 40 sa 50 km/h, meta huwa rah jibda jiskidja. Minkejja li rah jiskiddja, huwa ma setax jaghmel bizzejjed azzjoni evasive biex jevita l-incident. Dana huwa indikazzjoni cara illi ma jidhirx illi Spiteri zamm id-distanzi necessarji sabiex jassikura ruhu li jiskapula kwalsiasi incident. Jista' jaghti l-kaz illi l-vettura ta' Spiteri skiddjat ukoll fuq l-istess materjal illi fuqu skiddja Formosa, izda, huwa cert li kieku zamm d-distanzi necessarji u meqjusa ghal triq daqstant traffikuza u li fiha jsir sewqan bi speed konsiderevoli, huwa seta' jkun f' pusizzjoni ahjar sabiex jevita l-incident de quo.

Fl-ahhar nett, wiehed ma jistax ma jinnotax kemm kienet influenti x-xhieda tal-warden, illi ma kienx f' pusizzjoni illi jghati kwalsiasi tip ta' informazzjoni relevanti sabiex wiehed jivverifika l-fatti, fejn la seta' jiftakar jekk kienx hemm materjal ma' l-art jew le u lanqas ma seta' jikkonferma jekk kienx hemm brake marks jew le fit-triq. Tali xhieda, xi drabi, ahjar wiehed ma jipproducihiex, ghax aktar thawwad l-imhuh milli ticcarahom.

**Konkluzjonijiet**

Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kemm legali kif ukoll fattwali li saru hawn fuq, wiehed ma jistax ma jikkonkludix illi l-incident sehh principalment in vista tal-fatt illi l-vettura ta' Formosa skiddjat izda kienet anke kkawzata sekondarjament mill-fatt illi Spiteri naqas milli jzomm distanza adegwata biex jassikura sewqan bil-galbu. Dana jfisser illi filwaqt illi t-tort principali ta' l-incident ghandu jigi attribwit lil Formosa, Spiteri ghandu jbaghti parti mir-responsabbilta` ta' l-incident, stante illi bin-nuqqas tieghu, ikkontribwixxa ghall-incident ukoll.

**Decizjoni**

Huwa ghalhekk deciz illi Stephen Formosa huwa responsabbli ghall-75% ta' l-incident, filwaqt illi Christopher Spiteri huwa responsabbli ghall-25%.

Ghalhekk, Stephen Formosa ghandu jhallas lis-socjeta` attrici u lil Carmel Azzopardi, is-somma ta' elf mitjen u tlieta u disghin Liri Maltin (Lm1,292) rapprezentanti hamsa u sebghin (75%) fil-mija tal-hsarat inkorsi minn Christopher Spiteri, kif ukoll hamsa u sebghin (75) fil-mija ta' l-ispejjez kollha legali ta' l-istess Christopher Spiteri. Il-kumplament ta' l-ispejjez ghandhom jigu sopportati minn Christopher Spiteri b'dan illi l-ispejjez legali kollha ta' Stephen Formosa ghandhom jigu ssopportati minnu stess unikament. Bl-imghax legali kif mitlub.**"**

L-appell tar-rikorrenti Stephen Formosa jikkonsisti principalment fl-aggravju illi l-Arbitru ghamel interpretazzjoni hazina tal-provi u, konsegwentement, ukoll, ghamel applikazzjoni errata tal-principji tad-dritt ghal dawn l-istess provi;

It-twegiba tas-socjeta` assiguratrici appellata u dik ta' l-assigurat taghha hi fis-sens illi l-appell huwa improponibbli ai termini ta' l-Artikolu 70A ta' l-Att dwar l-Arbitragg. Huma jirragunaw illi l-aggravji ma jitrattawx "punt ta' ligi" izda biss u sempliciment ri-valutazzjoni tal-fatti tad-dinamika ta' l-incident rivestita f' sembjanza ta' diskussjoni tal-principju legali;

Dan premess, il-Qorti jidhrilha li ghandha tokkupa ruhha l-ewwel mil-linji difensjonali propulsi mill-appellanti. Dan, il-Qorti ser taghmlu biex tivvalja fis-sustanza, u qabel il-konsiderazzjoni tal-pregudizzjali ta' l-irritwalita` mqanqla, dawk ir-regoli ta' dritt li fuqhom l-appellanti ppuntella dawk l-istess linji difensjonali, u cjoe:-

(i) L-iskiddjar;
(ii) Il-kaz fortuwitu;
(iii) L-attribuzzjoni ta' htija fis-sewwieq l-iehor ghax dan ma zammx id-distanza regolamentari fil-kors ta' l-insegwiment tal-vettura tieghu;

Fuq l-ewwel punt ta' l-iskiddjar jinsab ritenut mill-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, tat-18 ta' April, 1952 in re: "**Giuseppe Borg *nomine* -vs- Algernon Crockford *nomine***", illi "l-iskid bhala tali ma jeskludix ir-responsabilitajiet u ghalhekk ghandu jigi ezaminat jekk l-istess 'skid', f' kull kaz in partikulari, kienx dovut ghall-htija ta' xi hadd, kif ukoll jekk setax jigi evitat jew korrett; ghax l-'iskid' jista' jkun ukoll provokat mill-mod kif wiehed isuq, billi d-driver ma jkunx ha l-prekawzjonijiet necessarji li c-cirkustanzi eccezzjonali li jkun jinsab fihom ikunu jirrekjedu. L-"iskid" huwa cirkustanza newtra, ghax jista' jkun l-effett ta' negligenza precedenti, jew negligenza ta' "third party", jew dovut ghall-accident inevitabbli";

Issokta jinghad fis-sentenza "**Il-Pulizija -vs- Joseph Cost Chretien**", Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1954 illi, "meta tissucciedi kollizjoni minhabba li wahda mill-karrozzi involuti fiha tkun skiddjat, id-driver tal-karrozza li skiddjat huwa responsabbli, jekk ma gharafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-iskiddjar, meta kellu z-zmien li jaghmel dan; u hu aktar u aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li tipprovoka l-aggravament ta' l-iskiddjar ghax l-imperizja fis-sewqan, bhas-sewqan hazin, hija htija." Fuq l-istess livell ta' hsieb hi s-sentenza ta' l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija -vs- Carmel Cachia**", 11 ta' Dicembru, 1954;

In tema tal-kaz fortuwitu migjuba 'l quddiem b' difiza mill-appellanti jibda biex jinghad illi l-oneru tal-prova ta' dan il-mezz difensjonali jmiss lil min jallegah. Dan fis-sens li hu jehtieglu jipprova l-ezistenza ta' event imprevidibbli u inevitabbli. Hi gurisprudenza ferm pacifika illi l-kaz fortuwitu ma jehlisx mir-responsabilita` ghad-danni jekk

ikun precedut minn htija ta' min ikkaguna d-danni. Ara "**Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju, 1938. F' kaz bhal dan "*si ha non il caso fortuito ma la colpa ed il quasi delitto*" (**Publio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich *et***", Appell Civili, 14 ta' Novembru, 1919);

Fuq it-tielet punt irid jinghad illi meta vettura tintlaqat minn ohra li tkun qeghda ssegwiha s-sewwieq ta' dik il-vettura jkollu favur tieghu l-principju illi r-responsabilita` tal-habta jkun tal-vettura ta' wara. Dan il-principju pero` ma huwiex assolut u jiddependi mic-cirkustanzi tal-kaz partikolari. *Inter alia,* il-manuvra fis-sewqan mill-vettura ta' quddiem. Ara a propozitu "**William Buhagiar -vs- Nazzareno Borg**", Appell Civili, 25 ta' Gunju, 1984;

Affermati dawn il-principji guridici estratti mill-gurisprudenza fuq it-tliet punti li fuqhom l-appellanti jibbaza d-difiza tieghu, importanti li jigi sottolinejat illi l-applikabilita` ta' l-istess principji ghal kaz konkret ma jiddependix mir-rikostruzzjoni tal-fatti dedotta mill-appellanti u l-applikabilita` ta' dawk il-principji ghal dawk il-fatti rikostruwiti. Dan qed jinghad ghar-raguni ovvja ghaliex mill-ezami ta' l-aggravji kif interposti jidher li l-kontestazzjoni fformulata mill-appellanti ghandha korrispondenza cara mal-mod kif l-Arbitru aprrezza l-fatti u l-provi;

Hi ligi espressa illi l-lodo ta' l-Arbitru hu soggett ghall-kritika limitata kif prospettat mill-Artikolu 69 (2) tal-Kapitolu 387. A sensu, imbaghad, ta' l-Artikolu 70A ta' l-Att mhux moghti lil din il-Qorti l-poter ta' ri-ezami tal-fatti tal-kawza jew tas-sindakar ta' l-izbalji fl-apprezzament taghhom mill-Arbitru, salv, s' intendi, dejjem jekk ma jingiebx ukoll 'il quddiem li dak l-apprezzament ma huwiex logikament motivat jew li l-Arbitru vvjola r-regoli ta' dritt ghall-fatti rizultanti u accertati. Li jifsser minn dan kollu illi din il-Qorti ma tistax terga' tiskrutinja l-fatti, kif hekk pretiz mill-appellanti, ghaliex l-unika censura konsentita lilu hi wahda

limitata, fil-fazi “rescindente” tal-gudizzju, ghall-verifika tal-punt ta’ ligi. Din l-affermazzjoni gja giet bosta drabi ripetuta minn din il-Qorti f’ bosta decizjonijiet taghha minn sentenzi ta’ l-Arbitru taht l-Att *de quo*. Ara proprju s-sentenza recensjuri taghha fl-ismijiet “**Carmel Schembri -vs- Raymond Cassar**”, 20 ta’ Frar, 2008;

Irid dejjem jigi puntwalizzat f’ kazijiet ta’ din ix-xorta illi mhux bizzejjed li l-appellanti jissottometti li saret ipotesi skorretta tal-principju tad-dritt ghaliex ir-ri-elaborazzjoni personali tieghu tal-provi ma tikkombacjax ma’ dik tal-valutazzjoni ta’ l-Arbitru. Hu kellu invece juri u jiddemostra ghas-sodisfazzjoni ta’ din il-Qorti illi fuq il-provi fattwali accertati kien hemm nuqqas serju u korrett ta’ l-osservanza u ta’ l-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt. Mhux dan biss. Kien jikkompeti lilu wkoll a norma ta’ l-Artikolu 70B (1) li jidentifika l-punt ta’ ligi li jassumi li gie vjolat. Mhux bizzejjed li jaghmel referenza generali ghal dak l-istess punt ta’ ligi jew tal-principju tad-dritt biex taht dan il-pretest huwa jippretendi li din il-Qorti ghandha taghti widen lil-lanjanzi tieghu, intrinsikament ibbazati fuq ir-rivalutazzjoni tieghu tal-fatti. Fatti dawn li jkollu jinghad dwarhom illi gew korrettement ivvalutati mill-Arbitru. Dan anke fejn jikkoncerna r-ragonament tieghu dwar il-partecipazzjoni tar-responsabilita` taz-zewg sewwieqa. Del resto, huwa wkoll pacifiku illi meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jistabilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal, jew ikkaguna l-hsara li garrab, dipendenti mic-cirkustanzi specjali tal-kaz. Ara fir-rigward “**Joseph Galdes -vs- Victor Micallef**”, Appell Civili, 20 ta’ Jannar, 1964.

Ghal dawn il-motivi kollha superjorment dedotti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------